MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 655/2003

**Devilhena Limited u Maurice F. Mizzi**

**Vs**

**Anthony Vella, Patrick Vella, David Vella, Kenneth Vella, PDK Investments Ltd u Victoria Vella bhala garanti solidali**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-atturi jinsabu kredituri tal-konvenuti fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf u erbgha mija u wiehed Liri Maltin (Lm25,401), bilanc minn ammont akbar, import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u mmarkati Dokumenti "1 sa "3";

Premess illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura civili;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun;

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundannahom li jhallsu lill-atturi s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf u erba' mija u wiehed Liri Maltin (Lm25,401), bilanc minn ammont akbar, import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------